MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Numru. 67/2010

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**JOSEPHINE CACHIA**

**Illum 22 ta' Frar 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 67/2010**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Josephine Cachia ta' sebgha u tletin (37) sena bint Anthony u Mary nee' Farrugia, imwielda l-Munxar Ghawdex, nhar is-17 ta' Mejju 1973, residenti fil-fond Nru. 43, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 15573(g) akkuzata talli;

Nhar it-28 ta’ Mejju 2010 gewwa Ghajnsielem Ghawdex, u f’postijiet ohra gewwa Ghawdex, ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar (13.00hrs), volontarjament hassret, ghad-dannu ta’ Maria Micallef (ID.No. 12678G) u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-valur ta’ mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47), izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali tal-15 ta’ Lulju 2010 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-kwerelanta Maria Micallef tiddikjara fis-seduta tal-lum li hija ghazlet li ma tixhidx f’dawn il-proceduri u semghetha wkoll tiddikjara li m’ghandha l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-imputata.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed f’din il-kawza u li l-imputata ghazlet li ma tixhidx u li ma ressqet l-ebda provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------